KULLEĠĠ SAN NIKOLA

L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA – LIVELL PRIMARJU

Frar 2017

IL-ĦAMES SENA | L-ISTUDJI SOĊJALI | IL-ĦIN: Siegħa

L-Isem: ______________________________ Il-klassi: ___________

Marka Totali
_______
80

## A. IĊ-ĊIVIKA

### 1. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba. (4 marki)

| | | | |
|---|---|---|---|
| ħiliet | ix-xjenza | il-karattru | naħsbu |
| kultura | l-imġiba | tat-teknoloġija | fl-għadd |

L-edukazzjoni tgħinna biex:



1. intejbu ____________________ tagħna kull fejn inkunu.
2. niffurmaw ____________________ sod u tajjeb.
3. nakkwistaw ____________________ fil-qari, fil-kitba u ____________________ tan-numri.
4. insiru nafu aktar dwar ____________________ ta' Malta u pajjiżi oħra.
5. nużaw ____________________ u l-invenzjonijiet ____________________ biex ngħixu ħajja aħjar.
6. nitgħallmu kif ____________________ u nsolvu l-problemi.

**2. Imla l-vojt bi dritt jew dmir.** **(5 marki)**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | It-tfal kollha jkollhom edukazzjoni xierqa. | |
| 2. | Barra l-istudju, it-tfal isibu ħin biżżejjed għal-logħob u l-mistrieħ. | |
| 3. | Waqt il-lezzjoni kull student irid iġib ruħu sewwa u ma jtellifx. | |
| 4. | Ngħinu u nirrispettaw lil min qiegħed jieħu ħsiebna. | |
| 5. | Fil-ħajja, kulħadd jista' jiddiskuti u juri l-opinjoni tiegħu. | |

**3. Wieġeb billi tikteb VERU jew FALZ.** **(4 marki)**

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| 1. | L-edukazzjoni tibda mid-dar. | | |
| 2. | Fil-kindergarten it-tfal jitgħallmu l-aktar kif jiktbu u jaqraw. | | |
| 3. | L-iskola primarja tibda meta student jagħlaq ħames snin. | | |
| 4. | Fl-iskola sekondarja għal kull suġġett hemm għalliem differenti. | | |
| 5. | L-iskejjel huma mqassmin f'sitt kulleġġi f'Malta u erbgħa f'Għawdex. | | |
| 6. | Il-kulleġġi huma mmexxija minn prinċipal. | | |
| 7. | Wara l-iskola sekondarja l-istudenti jistgħu jmorru l-MCAST jew il-Junior College u wara l-Università. | | |
| 8. | L-edukazzjoni hija importanti biss biex insibu xogħol tajjeb. | | |

**4. Kompli dawn is-sentenzi fi kliemek. (5 marki)**

1. Meta xi ħadd ikun illitterat ifisser li ______________________________

______________________________________________________________

2. L-iskola llum hija obbligatorja għal studenti ________________________

______________________________________________________________

3. Meta pajjiż ikollu sistema ta' edukazzjoni tajba, ____________________

______________________________________________________________

4. Barra l-iskejjel tal-Gvern hemm ukoll skejjel ________________________

______________________________________________________________

5. L-iskop prinċipali tal-edukazzjoni huwa li __________________________

______________________________________________________________

**5. Aqta' sing taħt it-tweġiba t-tajba. (5 marki)**



1. Biex inżommu snienna b'saħħithom hemm bżonn li naħsluhom (darba fil-ġimgħa, ħames darbiet fil-ġimgħa, kuljum).
2. Meta nuża r-rota nkun qiegħed (nħammeġ l-ambjent, nitlef il-ħin, nagħmel l-eżerċizzju).
3. Qabel nieħu xi mediċina, hemm bżonn nieħu (parir, rċevuta, riċetta) ta' tabib.
4. Il-ħaxix u l-frott huma (rħas, tajbin, ħżiena) ħafna għal saħħitna.
5. L-attività fiżika u mill-inqas (4, 5, 8) sigħat kuljum irqad, jgħinuna nkunu f'saħħitna.

**6. Wieġeb.** **(6 marki)**



1. Għaliex taħseb li mhux tajjeb li nieklu ħafna *junk-food* ?

_______________________________________________

_______________________________________________

2. Semmi attività waħda li, jekk issir ta' kuljum, tista' tkun ta' ħsara għal saħħitna.

_______________________________________________

_______________________________________________

3. Semmi attività fiżika li inti tagħmel (jew tixtieq tagħmel) fil-ħin liberu tiegħek. Semmi kif din l-attività tista' tgħinek f'ħajtek.

_______________________________________________

_______________________________________________

## B. IS-SAJD U L-AKKWAKULTURA

**7. Imla l-vojt bi kliem li jinsab fil-kaxxi.** **(5 marki)**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| kompetizzjoni | l-ispejjeż | riskji | xbieki | inġenji |
| attrezzati | maltemp | l-għixien | kontrolli | bla razan |



Is-sajd ilu minn żmien żemżem jipprovdi ______________________ ta' ħafna nies fil-gżejjer Maltin. Iżda minkejja l-avvanzi fl-______________________ tal-baħar u l-apparat li jintuża f'dan ix-xogħol, jibqa' l-fatt li dan huwa xogħol mimli strapazz, ______________________ u problemi. Il-______________________ u l-ġranet twal bogħod mill-familja huma tnejn minn dawn il-problemi. Wara ġranet twal fuq il-baħar, m'hemm l-ebda garanzija li l-qabda tkun kbira biżżejjed biex tkopri ______________________ li jagħmlu s-sajjieda. Minħabba qbid ______________________ ta' ċerti speċi ta' ħut, qed isiru ______________________ fuq l-ammont ta' ħut li jista' jinqabad kif ukoll fuq l-użu u d-daqs ta' ______________________u knuz li jistgħu jintużaw. Hemm ukoll ______________________ kbira bejn sajjieda minn pajjiżi differenti fil-Mediterran. Ħafna mis-sajjieda barranin huma aktar ______________________ mis-sajjieda Maltin u għalhekk dawn għandhom iċ-ċans jaqbdu ħafna aktar ħut mis-sajjieda tagħna.

**8. Aqta' sing taħt it-tajba.** **(5 marki)**

1. Xi rħula ewlenin tas-sajd huma San Pawl il-Baħar, Marsalforn u (r-Rabat, l-Qrendi, ż-Żurrieq).



2. Skont ir-riċerka, in-numru ta' sajjieda (*part-time*, *full-time*, dilettanti) dejjem qiegħed jonqos.
3. Dgħajsa kbira armata għas-sajd fit-tul tissejjaħ (skuna, kajjikk, luzzu).
4. Ħafna mill-ħut li jinqabad mis-sajjieda jittieħed il-(monti, pitkalija, pixkerija) biex jinbiegħ.
5. Ix-xogħol tas-sajjieda jiddependi ħafna fuq (il-vaganzi, it-temp, it-temperatura).

**9. Qabbel kolonna m'oħra.** **(5 marki)**

L-ewwel waħda mogħtija bħala eżempju.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | ***L-Akkwakultura hija t-trobbija ta' ħut*** | | ikun hawn provvista ta' ħut għas-suq matul is-sena kollha. |
| 2. | L-Akkwakultura tgħin biex | | jiġi esportat barra minn Malta, l-aktar lejn l-Italja. |
| 3. | Iċ-Ċentru tal-Akkwakultura jinsab | | jinsabu l-aktar lejn it-Tramuntana ta' Malta. |
| 4. | Fil-laboratorju jsiru studji u | | fit-torri ta' San Luċjan f'Marsaxlokk. |
| 5. | Ħafna mill-*fishfarms* privati | ***1*** | ***ġo vaski u tankijiet fuq l-art.*** |
| 6. | Ħafna mill-ħut li jitrabbew fil-*fishfarms* | | esperimenti fuq it-trobbija u l-fejqan tal-mard tal-ħut. |

**10. Wieġeb dawn.** **(12-il marka)**

1. Meta jibda l-istaġun tal-lampuki? ______________________________

   Spjega fil-qosor xi tkun kannizzata. ____________________________

   ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________

2. Semmi żewġ affarijiet li taf dwar l-awrata.

   ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________

3. Semmi differenza waħda bejn kajjikk u luzzu?

   ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________

4. Xi tfisser meta ngħidu li kull sajjied jingħata rimja?

   ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________

5. Għaliex taħseb li l-metodu tas-sajd imsejjaħ 'tat-tkarkir' mhux permess bil-liġi?

   ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________

6. Semmi żewġ raġunijiet għalfejn is-sajd u l-akkwakultura huma importanti għalina?

   a. ____________________________________________________________

   b. ____________________________________________________________

## Ċ. MILL-GĦERIEN GĦALL-ISKYSCRAPERS

**11. Wieġeb billi timmarka l-kaxxa t-tajba.** **(6 marki)**

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| 1. | Għar Dalam jinsab qrib is-Siġġiewi. | | |
| 2. | F'Għar Dalam instabu bosta fossili ta' annimali u fdalijiet tal-ewwel nies li ġew Malta. | | |
| 3. | Sa ftit żmien ilu, bosta bdiewa kienu jgħixu fl-għerien tal-Fawwara. | | |
| 4. | Madwar is-sena 1800, l-Ingliżi ġiegħlu numru żgħir ta' familji jmorru joqogħdu f'Għar il-Kbir qrib il-Buskett. | | |
| 5. | In-Neolitiċi bnew palazzi sbieħ fejn joqogħdu ġewwa Skorba, qrib l-Imġarr Malta. | | |
| 6. | Saħansitra fil-Preistorja l-bniedem kien ifittex li jagħmel progress fil-bini ta' kenn fejn joqgħod. | | |

**12. Aqta' sing taħt it-tajba.** **(5 marki)**

1. Il-kelma 'megalitiku' tfisser mibnija (bit-tafal, bil-konkos , b'ġebel kbir).
2. Id-djar Maltin illum huma mibnija l-aktar (biż-żonqor u ċagħak, bil-ġebel tal-franka u briks, bil-franka u t-tafal,).
3. Abitazzjoni msejħa '*Converted Farmhouse*' kienet xi darba (għar, razzett, villa).
4. Fi blokk flats kbir, is-sular ta' fuq huwa ġeneralment il-(garaxx, *penthouse*, kamra tal-bejt).
5. Gallarija tipikament Maltija hija magħmula mill-(injam, ħadid, aluminju).

**13. Wieġeb dawn.** **(7 marki)**



1. X'użu kellhom dari l-giren li għadna nsibu fil-kampanja Maltija? (2)

_______________________________________________

_______________________________________________

2. Kif kienu jissaqqfu d-djar fl-antik u kif inhuma msaqqfin illum? (2)

_______________________________________________

_______________________________________________

3. X'tip ta' djar tistenna li tara f'Qasam tad-Djar (*Housing Estate*)? (1)

_______________________________________________

4. X'inhi r-raġuni prinċipali li jinbnew bini għoli ħafna? (2)

_______________________________________________

_______________________________________________

**14. Ikteb sentenza dwar kull waħda minn dawn.** **(6 marki)**



1. Il-bennejja u xogħolhom

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

2. Id-djar antiki fil-qalba tar-raħal

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

3. Il-barrieri

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**TMIEM IL-KARTA**